ma jitlef xejn minn irġulitu : *dar battala* għalkemm jaqbel li tkun imgħammra, ma titlef xejn minn suritha, u hekk *jum battal*. Il-Ħadd hu dejjem għalina *jum battal* u m'hux biss ma jitlef xejn, imma hu l-isbaħ u l-ewwel jum tal-gimgħa.

Ħaffief ifisser *ħafif għax battal* jew għax *fieragħ*; għalhekk l-ewwel ħjiel li jiġi f'rasna mat-tlissin ta' din il-kelma hi *il-ħeffa* u m'hux *il-btala* jew il-*frugħa* tal-ħaġa. Ġellewża *ħaffiefa*, tfisser ġellewża *battala*, *fiergħa* ; iżda għaliex nagħarfu li hi hekk għax inħossuha *ħafifa*. Għalhekk qatt ma ngħidu *ħaffiefa* ħaġa li ma nistgħux inġarrbu malajr it-toqol jew l-użin tagħha. Ma ngħidu qatt *dar ħaffiefa* iżda ngħidu sewwa *ġellewża* jew *ġewża ħaffiefa*, u *ġebla* ħaffiefa, meta nifhmu dik li ssir mir-ragħwa tal-lava li toħroġ mill-vulkani u li taqdina biex inneħħu xi qamla u xi żelluma mill-insiġ, jew xi aħrax fit-tiżliġ tar-rħam jew f'xogħlijiet oħra.

Dun Karm

# BIĊĊA STORJA TA' MALTA

PATRI BALDASS (Ġeżwita)

Xejħ Moħammed, bin is-Sultan ta' Fez, kien ta' qalb tajba, qalbieni, imdaħħal fil-għerf kollu tal-Għarab, u l-Qurân kien jafu fuq il-ponot ta' subgħajh. Missieru kien tah taħt idejh l-aqwa xwieni li kellu u bihom rebaħ u għakkes żewġ slaten, kif kien jaħseb hu, bil-għajnuna ta' Mawmettu, u għalhekk biex jiżżih ħajr u jurih qalbu ried imur iżur il-qabar tiegħu. Mela hekk kif ħareġ mill-port ta' Tunes b'sitt xwieni mgħobbija bl-aħjar nies għat-taqbid, wara xi jumejn baħar, iltaqa' ma' xi xwieni ta' Malta, u saret taqbida mill-eħrex; iżda bin is-Sultan baqa' minn taħt u ġibuh priġunier Malta flimkien man-nies tiegħu u baqa' hawn għal sentejn sħaħ. Fl-aħħar, huwa u sħabu nfdew b'kemxa flus sewwa, u għalhekk bin is-Sultan telaq lejn pajjiżu.



Kien għadu biss xi disa' mîli bogħod mill-gżejjer tagħna, filli ħin bla waqt ta ordni lin-nies tiegħu biex idawru mill-ġdid għal Malta. Baqgħu lkoll mibluha u staksew lir-Rajjes tagħhom x'kien dan. Dan weġibhom illi f'dakka waħda kien ra l-baħar ħuġġieġa waħda, u fil-ħin dehritlu l-għażiża Omm Alla u qaltlu : "Fis dur lejn Malta, u tkun il-qaddej tiegħi u taħt il-ħarsa Tiegħi ; inkella, kun af illi inti għad tmur tinħaraq qalb dawk in-nirien li inti qiegħed tara hemmhekk." U għalhekk tenna l-ordni biex idawru l-pruwa għal Malta.

Hekk kif tafa' riġlu fl-art, telaq għal San Lawrenz tal-Birgu, imdawwar b'cotra ta' nies u kavalieri. Inxteħet bl-aqwa qima għar-rkubtejh, jolfoq quddiem ix-xbieha ta' Marija Omm Alla, baqa' hemmhekk għal sagħtejn sħaħ jitlobha li jkollha ħniena minnu. Mita spiċċa u qam, talab igħallmuh it-tagħlim nisrani biex jista' jiġi mgħammed, u fis-sena 1565, ma' bosta minn sħabu, kellu x-xorti jidħol fil-ħdan tal-Knisja tagħna.

Hu kellu l-ħsieb li jmur igħix waħdu f'xi għâr biex hemm igħix fit-talb u l-penitenza, iżda wessewh li jkun aħjar li jintafa' biex idawwal lill-Misilmin fil-għama li dawn jinsabu fih. Huwa laqa' dan il-parir, u lejl u nhar ta ruħu għall-istudju tal-Isien Latin u tat-teoloġija, u fis-sena 1661 ħa l-quddiesa u daħal ma' l-Ordni tal-Ġeżwiti u ħa l-isem ta' Patri Baladass, u fis-sitt snin li għex wara, qaleb għar-reliġjon ta' Cristu u rebbaħ lill-Knisja bosta u bosta Misilmin.

Wara ħajja ta' qdusija kbira u mħabba liema bħalha lejn Sidtna Marija, Patri Baldass għamel mewta ta' kaddis.

C. M. D.